*Laqgħa Urgenti tal-Kunsill Lokali Marsa*

**Minuti**

**Disa' Legislatura**

## *Laqgħa numru 47*

***5.30p.m 30 ta' Ġunju, 2022***

## *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier

## *Assenti b'apoloġija*

Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sinjura Charmaine Aquilina – Kunsillier

## *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa li bdiet fil-5.50p.m

## ***47.1 Knis fil-lokalita'***

47.1.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi beda' s-seduta billi nforma lil dawk preżenti li l-kumpanija RBT ma kinetx interessata iktar li tieħu ħsieb il-knis tal-korsa u minflok qed jipproponi li jkun il-kuntrattur Antoine Bartolo li jingħata direct order b'kuntratt massimu ta' sitt xhur li dan jiġġedded kull xhar biex wieħed jara l-kwalita' ta' xogħol li jagħmel fiħ. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu oġġezzjoni, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

Is-Sindku talab biex is-seduta tiġi sospiża biex ikun jista' jitkellem l-avukat tal-Kunsill.

47.1.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Kunsill irid jieħu tlett deċiżjonijiet importanti, l-ewwel waħda li l-Kunsill anke bil-parir legali tal-avukat irid kemm jista' jkun malajr ilesti r-re-evalwazzjoni tat-tender tal-knis kif talbet il-Qorti wara li ssa hemm ċertezza li r-re-evalwazzjoni trid issir b'mod manwali mhux elettronika. It-tieni punt huwa li l-avukata Dr Tiffany Attard tkun qed tmexxi l-bord t'evalwazzjoni minħabba l-esperjenza tagħha f'dan il-qasam. Fl-aħħarnett il-Kunsill irid jiddeċiedi li sakemm jiġi konkluz dan il-proċess ta' re-evalwazzjoni hux lest li jibqa jaħdem temporanjament mall-Waste Collection Ltd jew jitlob skond il-kriterji stabbiliti fil-liġi li l-Kunsill jieħu permess mill-Ministru tal-Gvern Lokali li joħroġ direct order temporanju biex ikun jista' jagħżel kuntrattur ieħor biex jiknes il-lokalita'. Wara diskussjoni fost dawk preżenti s-Sindku ppropona li l-kuntrattur Antoine Bartolo jista' wkoll jieħu dan ix-xogħol sakemm jiġi ffinaliżżat il-proċess ta' re-evalwazzjoni. Huwa qal li dan il-kuntrattur fl-imgħoddi għamel diversi xogħolijiet extra fil-lokalita' u dejjem għamel xogħolu sewwa. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt l-vot favur it-tlett punti li ġew imqajma mis-Sindku ġew approvati unanimament.

## ***47.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss***

47.14.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00pm u ġiet aġġornata għas-14 ta' Lulju fit-5.30pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Josef Azzopardi<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |